MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 218/2012

**GO p.l.c. (C-22334)**
**Vs**
**Carmelina Cassar (K.I. 2020440P)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu gie premess illi l-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici, s-somma ta’ disa’ mija tlieta u hamsin ewro u tlieta u disghin centezmu (€953.93) skont il-prospett hawn anness u mmarkat Dok A, liema ammont huwa dovut, in konnessjoni mas-servizzi ta’ telekommunikazzjoni, u cioe’ dak tat-telefon numru 21236112 kont numru A/C10051477 moghtija mis-socjeta’ attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza; illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ l-ahhar pagament u cioe mid-29 ta’ Marzu 2010 kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit- 12 ta' Novembru, 2012 mill-Prokuratur Legali Noel Scerri w l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova 'l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' disa' mija tlieta u hamsin ewro u tlieta u disghin centezmu (€953.93) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ahhar pagament mid-29 ta' Marzu 2010 sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------